MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 236/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Matthew Zahra**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Matthew Zahra talli fis-26 ta' Awwissu 2010 ghall habta ta' 4.30 a.m fi Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan:

(1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru. KRI-221 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(2) f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu nnifsu, jew

meta kien jidher bic-car fis-sakra waqt li kellu l-hsieb ta' l-imsemmija vettura.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Matthewe Zahra jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Matthew Zahra hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundanntu multa ta' elf u mitejn euro (€1,200) filwaqt illi astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li giet irtirata mill-prosekuzzjoni. Inoltre, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-istess Matthew Zahra milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Matthew Zahra minnu pprezentat fl-24 ta' Mejju, 2011 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kriminali l-estremitajiet kollha li jridu jirrikorru taht l-artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond l-appellant, biex tinstab htija taht l-artikolu 15A tal-Kap. 65 ma jinhtiegx biss li jigi ppruvat li s-sewwieq saq vettura taht l-influwenza tax-xorb, izda jrid ikun hemm il-prova li s-sewwieq, proprju minhabba l-alkohol (u dan indipendentement minn kemm ikun l-livell ta' l-alkohol fis-sistema), ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. L-appellant jghid illi fil-kaz odjern il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni huma biss assunzjonijiet. Jirreferi ghall-affidavit ta' P.S. 1 li jghid

li l-appellant allegatament kellu riha qawwija ta' xorb, ma setax izomm fuq saqajh u ma bediex jinftiehem il-hin kollu mill-istess pulizija. L-appellant isostni li dawn il-fatturi wahedhom, mehudin fid-dawl ta' certa assenza ta' provi ohra u ta' gurisprudenza recenti, ma jistghu qatt iregu fl-ambitu tal-ligi kriminali biex iwasslu ghall-htija taht l-artikolu 15A tal-Kap. 65, u dan peress illi ma ngabet ebda prova li turi li l-fatt li l-appellant ma setax izomm fuq saqajh u ma bediex jinftiehem, ma kienx b'rizultat ta' xokk in segwitu ghall-istess incident. Di piu` hemm ix-xiehda tieghu stess fejn ta spjegazzjoni ragjonevoli li twassal sal-grad tal-probabbli ta' x'effettivament gara dakinhar ta' l-incident.

**6.** Dwar il-fatt li l-appellant irrifjuta li jaghti l-kampjun tan-nifs meta mitlub mill-Pulizija, l-appellant jghid illi mill-affidavit ta' P.S. 1 jidher illi kien l-istess P.S. 1 li nfurmah illi kellu dritt jirrifjuta. Imbaghad dwar li allegatament ma kienx f'kundizzjoni li jsuq, ma hemm l-ebda prova li titfa dawl dwar kif kien is-sewqan ta' l-appellant immedjatament qabel ma sehh l-incident. Anzi, jghid l-appellant, hemm karenza assoluta ta' provi dwar dan il-fatt u xejn li jindika li kien hemm xi sewqan erratiku jew spavald. Skond l-appellant, incident tat-traffiku m'ghandux awtomatikament ifisser li x-xufier ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb, altrimenti wiehed ikun qed jikkundanna persuna merament fuq assunzjonijiet. Mill-banda l-ohra, dwar x'wassal ghall-incident hemm ix-xiehda ta' l-appellant stess li l-vettura in kwistjoni zviluppat xi hsara qabel sehh l-incident u minhabba f'hekk tilef il-kontroll tal-vettura. L-appellant jirreferi ghall-kontradizzjoni f'dak li jghid P.S. 1 fis-sens illi l-ewwel jghid li l-appellant kien qed jitkellem b'mod stramb, izda mbaghad jaghti deskrizzjoni dettaljata ta' x'effettivament qallu l-appellant. Ghalhekk, isostni l-appellant, il-provi tal-prosekuzzjoni, fid-dawl anke tax-xiehda ta' l-appellant stess, ma jurux lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huwa ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba fix-xorb.

**7.** Din il-Qorti semghet b'attenzjoni x-xhieda li gew prodotti mill-prosekuzzjoni kif ukoll ix-xiehda li ta l-appellant. Fix-xiehda li ta *viva voce* P.S. 1492 Joseph Pace, huwa qal li

wara l-incident l-appellant ma setax izomm 100%, innota li kellu riha qawwija ta' xorb u apparti li kien dizorjentat bil-habta kien ukoll ma kienx jaf fejn hu qieghed. Pero`, dwar jekk l-appellant kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb, l-affidavit ta' P.S. 1 Joseph Busuttil hija ferm elokwenti u din il-Qorti sejra ticcita minnha *in extenso*:

"Filwaqt li l-anglu u r-*railing* baqghu mwahhlin ma' l-istess vettura, Matthewipprova jsuq minn fuq il-post sabiex jitlaq. Jien hadtlu c-cwievet minn go l-*ignition* u Matthew hareg minn gol-vettura tieghu stess. Matthew beda jirrabja ghaliex qal li kien hemm l-affarijiet fin-nofs u jien nfurmajtu li dawn kienu qeghdin fuq il-bankina qabel ma tajjarhom hu stess.

"Jien minnufih indunajt li kellu riha qawwija ta' xorb u bilkemm seta' jzomm fuq saqajh, kif ukoll beda jitkellem b'mod stramb fejn jien xi kultant ma stajtx nifhem dak li kien qieghed jghid. Jien nfurmajtu li kont ser naghmillu l-*breathalyser* u li kellu dritt ma jaghmilx dan l-istess test. Huwa mill-ewwel irrifjuta u qalli jekk int ragel ma taghmillix il-*breathalyser* ghax taf li jien xurban. Huwa qalli li kien xorob l-*alcohol* dak il-lejl stess u li kieku kien ser jaghmel it-test ser jimmarka u ghalhekk qalli 'le jien ma naghmlux it-test ghax inkella jimmarka'."

**8.** L-appellant jghid li hemm kontradizzjoni f'dak li jghid P.S. 1 Joseph Busuttil. Din il-kontradizzjoni hija biss apparenti peress illi ghax f'xi mumenti persuna titkellem b'mod stramb ma jfissirx illi baqghet hekk titkellem kontinwament. Din il-Qorti ma tistax teskludi illi l-appellant ha xokk bl-incident li sehh, izda d-diskors li qal lil P.S. 1 juri bic-car illi huwa ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Mhux biss qal li kien hemm l-affarijiet fin-nofs meta dawn fil-fatt kienu fuq il-bankina fejn kellhom ikunu u kien hu li ma jmissux kien fuq il-bankina, izda mbaghad hemm l-ammissjoni tieghu cara u inekwivoka li kien "xurban". L-appellant fix-xiehda tieghu jghid li meta kien qieghed idawwar l-karozza qisha llokkjat u meta mar jaghfas il-brejkijiet ma sab xejn. Ta' dan ma gab l-ebda prova, nonostante illi huwa ha l-karozza tieghu ghat-tiswija. Dak li qal huwa possibbli li jigri, izda l-possibilta` mhuwiex il-

grad ta’ prova li mistenni jilhaq l-appellant biex ixejjen il-provi tal-prosekuzzjoni. Ghalhekk, fid-dawl tad-diskors li l-appellant qal lill-Pulizija wara l-incident, fid-dawl ta’ l-ammissjoni tieghu li kien xurban, fid-dawl ta’ l-incident li sehh u kif dan sehh u l-entita` tad-danni rizultanti, u fid-dawl tal-fatt illi l-appellant naqas li jgib xi prova li setghet b’xi mod twassal lil din il-Qorti biex tghid li ghandha xi dubju dettat mir-raguni, l-appell tieghu ma jimmeritax akkoljiment.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b’dan illi z-zmien ta’ skwalifika jibda jiddekorri minn nofs-il lejl tallum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------